SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 12**

**IL-ĦAMIS 10 TA' JANNAR 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCHUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R.Rossignaud kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

Is- Sindku ppropona li jsir bdil fl-Agenda u jigi diskuss l-ewwel Item numru 2 . Dan minħabba li hu għandu mpenji oħra u ma jistgħax jibqa' sakemm tintemm din il-laqgħa. Il-Vici Sindku ssekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

<u>Stima ta' l-ispejjeż ta' l-iffinalizzar tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Keffa</u>
Is- Sindku qassam kopja ta' din l-istima lil kull kunsillier. Din l-istima kienet tammonta għal €315,333.80 li fiha tinkludi ix-xogħlijiet msemmija hawn taħt:

- ELY Works
- M&E Works
- Tiling & Marble Works
- Plastering & Decorations
- Gypsum Ceilings
- Timber Works
- Aluminium Works

Is-Sindku nforma li huwa ta' l-opinjoni li din l-istima hija wisq għolja kif ukoll hu persważ li fadal ħafna aktar spejjeż biex jinxtara aktar apparat li mhux inkluż f' din l-istima. Is- Sindku rrimarka li bl-istess ammont faċli tixtara dar kbira fil-lokalita' tagħna u tiġi mibdula f' uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Huwa kkonkluda li lest li jofri s-somma ta' €120,000 , liema somm titħallas mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier A. Curmi nforma li l-Ministeru kien wiegħed li l-post ser jingħata lill-Kunsill lest minn kollox u dan se jingħata mingħajr ħlas. Il-Kunsillier A. Curmi informa li l-unika olterazzjonijiet li l-Kunsill kellu jkun responsabli għalihom, huma ta' kif se titqassam l-*area* provduta. Huwa ssostna ukoll li l-kwotazzjoni preżentata tmur kontra dak li kien ġie miftiehem mal-Ministeri xi snin ilu.
Il-Kunsillier M. Fava nforma li bħas-Sindku, huwa wkoll jara li din l-istima hija għolja wisq tant li ma tagħmilx sens.
Wara diskuzzjoni ġie deċiż, li ssir laqgħa mal-Perit responsabbli minn dan il-proġett sabiex jiġu spejgati aħjar ix-xogħlijiet msemmija. Sar qbil ukoll li ssir talba għal aktar stimi minn kuntratturi privati sabiex dawn jkunu jitqabblu ma' l-istima li ġiet ppreżentata. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU - ikompli**

Progett ta' Triq il-Qasam bl-iskema tal-PPP
Is- Sindku spjega dwar l-aħħar żvilluppi li nħargu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-kostruzzjoni bi tarmak fi Triq il-Qasam. Huwa qassam kopja ta' email bi dettalji li rċieva.
F' din l-email kien hemm spjegat ċar li l-Kunsill irrid joħroġ mill-fondi tiegħu €200,000 fil-waqt li l-Gvern joħroġ €100,000. Dawn irridu jitħallsu lill-kuntrattur fis-sena 2013. F' l-istess korrspondenza huwa spjegat li bħala tieni pagament, il-Kunsill iħallas €20,000 u l-Gvern Ċentrali iħallas €50,000 dawn jitħallasu lill-Kuntrattur fis-sena 2014. Il-bilanċ jitħallas mill-Kunsill.
Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mal-Kuntrattur li kien isottometta l-offerta, għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill. F'din il-laqgħa l-Kuntrattur ġie nfurmat bil-kundizzjonijiet ta' ħlas. Huwa aċċetta l-imsemmija kundizzjonijiet.
Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel ma' dawn il-kundizzjonijiet u għaldaqstant ġie deċiż li tintbagħat konferma lid-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Prim Ministru mmedjatament.
Is- Sindku talab biex jkun skużat. Il-ħin kien is-6.00pm.

**II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV**

1. Offerta' Nru: SLC/05/2012 M- Major Patching Works, using enviromentally sound, construction methods and materials in Swieqi

Is- Segretarju Eżekuttiv nforma dwar l-offerta' li kienet ġiet ippublikata għal manutenzjoni ta' patching kbir fil-lokalita' li tinkludi wkoll il-manutenzjoni tal-bankini.
Huwa nforma li għal din l-offerta' kienu sottometti żewġ offerti li kienu s-Sur Phillip Aguis & Sons Ltd. u s-Sur Simon Sammut.
Is- Segretraju Eżekuttiv ppreżenta r-rapport ta' l-Aġġudikazzjoni li ġie ppreparat mill-Perit tal-Kunsill. F' dan ir-rapport jiġi rrakomandat li jintgħażel il-Kuntrattur Simon Sammut peress li l-offerta' tiegħu hija ħafna orħos u l-aktar waħda vantaġġjuża.
Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel mar-rapport tal-Perit u d-deċiżjoni tal-intgħażlet l-offerta ta' Sur Simon Sammut.

2. Approvazzjoni ta' Budget/ Business Plan 2013

Is- Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-Accountant tal-Kunsill, ippreparaw u qassmu kopja tal-Budget 2013 li kien ġie iċċirkulat permezz ta' email lil kull kunsillier minn qabel. L-Accountant tal-Kunsill ħa l-inkarigu li jispjega fid-dettal l-Estimi Finanzjajrji u staqsa lil kull kunisllier jekk kienx hemm xi punti li m'humiex ċari. Ma' dawn l-Estimi Finanzjajrji, ġew ppreżentati wkoll xi noti ta' adġustamenti li saru matul il-preparazzjoni ta' l-istess estimi. Il-Kunsill unanimamrnt approva il-Budget 2013. Il-Kunsillier M. Fava pprona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV – ikompli

3. Pożżizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tas-Swieqi

Is- Segretraju Eżekuttiv spjega li hu nforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar id-data ta' l-irtirar tiegħu. Hu nforma wkoll li kiteb żewġ ittri lid-Direttur dwar il-possibilta' ta' estenzjoni tal-kariga tiegħu, għal din il-korrispondenza l-Kunsill irċieva *acknowledgement.*
Is- Segretarju Eżekuttiv nforma wkoll li huwa kellu laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn ġie nfurmat li l-proċedura ta' l-estenzjoni qiegħda tiġi pproċessata.

4. Kostruzzjoni ta' bini ġdid minflokk l-ex Forum Hotel

Il-Kunsill ġie nfurmat li se ssir laqgħa mal-Kuntrattur responsabbli minn dan il-proġett, li għaliha se jiġu mistiedna wkoll ir-residenti tal-viċinanza. Din il-laqgħa se ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2012 fis-7.00pm fis-sala Parrokjali, Ibrag. Il-Viċi Sindku spjega li huwa ferm importanti li kull kunisillier jattedni għal din il-laqgħa.
Il-Kunsill talab biex jsiru kuntatti mal-Kuntrattur u jiġi mistoqsi jekk dan għandux bżonn ta' xi apparat bħal *projector* ħalli jkun jista' jagħmel użu minnu waqt il-laqgħa.

5. Laqgħa Annwali tal-Lokalita'

Il-Kunsill unanimament qabel li din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 17 ta' Jannar 2013 fis-sala Parrokjali, Ibraġ fis-7.00pm. Għal din il-laqgħa se jattendi wkoll l-Accountant tal-Kunsill.

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien is-7.00pm.

6. Kuntratt ta' manutenzjoni ta' tarmak fit-Toroq tal-Madliena

Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa jekk sarux xi żvillupi dwar meta se jitkomplew ix-xogħlijiet ta' tarmak fil-Madliena. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li l-Kuntrattur kiteb lill-Kunsill dwar xi proposti ta' ħlas tax-xogħlijiet li huwa għamel diġa' li jammontaw għal €72,000.
Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li dawn il-proposti għad irrid jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Wara diskuzzjoni, l-Kunsill ippropona li l-Kumitat biex jikkunsidra l-punti t' hawn taħt:

- Il-Kuntrattur jitħallas €42,000 wara li dan jġib il-makkinarju kollu fuq il-post tax-xogħol u jippreżenta l-garanzija bankarja lill-Kunsill bis-somma ta' €12,000.
- Wara l-ewwel ġimgħa li dan jibda' x-xogħol jitħallas il-kumplament tas-somma pero' mhux qabel ma tiġi miftehma id-data ta' meta ser jitlestew ix-xogħlijiet fuq l-erbgħa toroq li fadal.
- Il-Kunsill talab sabiex dawn il-proposti jintbagħtu b'email lil kull membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena ħalli jekk dawn jkunu approvati mill-istess Kumitat jintbagħtu wkoll lill-Kuntrattur għall-approvazzjoni tiegħu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV – ikompli

7. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li l-offerta' tal-knis tat-toroq se tiskadi fit-23 ta' Frar 2013. Il-Kunsill talab sabiex jibdew il-proċeduri għall-pubblikazzjoni ta' offerta ġdida. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona biex wara li jitlesta d-dokument ta' tender, dan għandu jiġi ċċirkulat mal-Kunsillieri kollha qabel ma jiġi ppublikat ħalli kull Kunsillier jkollu l-opportunita' li jagħmel xi emendi neċċessarji fejn jkun hemm bżonn.

8. Is- Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li l-kuntratt tal-Handy Man li jieħu ħsieb il-Ġonna ser jiskadi. Pero' l-Kunsill jekk jkun hemm qbil unanimu jista' jerġa' jiġedded għall-sena oħra. Il-Kunsil qabel unanimament li dan il-Kuntratt jerġa' jiġi mġedded.

9. Is- Segretraju Eżekttiv ppreżenta stima ta' stickers li jridu jiwaħħlu mal-litter bins sabiex javżaw lir-residenti li f' dawn il-litter bins ma jistgħax jintrema skart domestiku. Din l-istima kienet tammonta għal €2.33 għal kull sticker tul ta' 60cm. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati.

10. Is- Segretraju Eżekuttiv ppreżenta Memo 60/2012 li tirrigwardja dwar it-twaħħil tad-dawl fit-toroq li ma jkunx approvat mill-Enemalta. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir applikazzjoni għad-dawl kollu li ġie nstallat b' din il-manjiera f' dawn l-aħħar ġranet. Il-Kunsill ssostna li dawn l-installazjonijiet saru minħabba dewmien għall-approvazzjoni mill-Enemalta u sabiex jitnaqqas kull inkonvenjent għar-residenti.

11. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar laqgħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mal-Kuntrattur responsabbli minn bankijiet li jitwaħħlu fil-viċinanzi tal-Bus Shelters. Dawn il-bankijiet ġeneralment jeħlu magħhom xi reklami li naturalment il-Kunsill jitħallas tagħhom skond tariffa li tkun stipulata' fil-By-Law tal-lokalita'. Dawn diġa' twaħħlu f' ħafna lokalitajiet bħal San Ġiljan, Sliema, Gżira u Buġibba. Il-Kuntrattur offra li jħallas lil Kunsill 50% ta' kull reklam li jitwaħħal fil waqt li l-ispejjez ta' manutenzjoni u installar jkunu fir- repsonsabilta; tiegħu. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Kuntrattur jiġiefiri li l-Kunsill jirċievi 50% ta' kull reklam fil-waqt li xogħlijiet u manutenzjoni jkun responsabbli għalihom hu. Fil-laqgħa mal-Kuntrattur sar qbil ukoll li s-Sindku kellu jiddentifika xi postijiet fejn dawn jistgħu jiġu nstallati.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV – ikompli

12. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li l-photocopier tal-Kunsill qed ikollha ħsarat ta' spiss. Il-Maintenance Team tal-kumpanija nfurmaw li din għamlet aktar miż-żmien rikjest minnha u għaldaqstant huma rrakomandaw li tinxtara oħra ġdida. Il-Kunsill qabel li tiġi ppublikata offerta għall-photocopier ġdida. Il-Kunsill jikkonsidra ukoll leasing.

13. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korripondenza dwar persuna barranija li tixtieq tiġi tagħmel xi żmien taħdem f' dan il-Kunsill bla ħlas bħala parti mill-istudji tagħha. Il-Kunsill ideċieda li għalkemm din tkun ta' benefiċċju għal Kunsill, l-aħjar li jsiru kuntatti neċċessarji magħha wara li nkunu fl-uffiċċini ġodda.

14. Is-Segretraju Eżekuttiv ppreżenta rapport mill-Perit tal-Kunsill dwar applikazzjoni għal permessi ta' kafeterija minn class 4 għal class 6 fi Triq ta' l-Ibrag. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li minħabba din l-applikazzjoni, għandha tiġi sottometta PC application fejn jiġi pproponut li jsir xi tibdil fin-North Harbour Local Plan. Il-Kunsill unanimament ma sabx ogezzjoni għal dan.

## III. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

Il-pagamenti kollha li kienu mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti nru. 56. ġew approvati wara li l-Kunsillier A. Curmi jikkjarifika xi affarijiet ma' l-iskrivani tal-Kunsill. Il-Kunsillier M. Fava ppropona u l-Kunisllier C. Said issekondat.

## IV. RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill- Viċi Sindku Dr. J. Fenech

1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar meta ser jsiru ix-xogħlijiet fuq traffic Calmers fi Triq Markiz J. Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ser jerġgħu jsiru fl-istess post fejn kienu qabel ma inqalgħat it-triq.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## IV.RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier irraporta li waslulu xi lmenti mingħand residenti li joqgħodu fi Triq il-Kwarta. Dawn qed jilmentaw li xi sewwieqa qed jostakolaw il- ‘ private access’ tal-Blokk ta’ l-appartamenti tagħhom. Dan l-aċċess jintuża biss f’kaz ta’ emgergenza. Il-Kunsill staqsa sabiex issir l-applikazzjoni għall-double yellow lines mat-Transport Malta.

2. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se jiskadi l-kuntratt ta’ manutenzzjoni u tiswijiet tad-dawl fit-toroq. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li dan il-kuntratt diġa’ skada f’ April 2012 pero’ bi struzzjonijiet mid-Dipartiment għall- Gvern Lokali, dan kien ġie mġedded għall- sena oħra li jiskadi f’ April 2013. L-istess struzzjonjiet jistipulaw li għal dan il-kuntratt ma tistax issir sejħa għall-offerti peress li din is-sejħa fil-futur se toħrog mill-Kumitati Reġjonali.
   Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ikonkluda li għandha tinkiteb ittra lill-AKL fejn jiġi spjegat li l-Kunsill mhux kuntent bis-sitwaazzjoni ta’ dan il-kuntrattur u għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob biex issir sejħa oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 30 ta’ Jannar 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**